FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 9 ta' Settembru 2015

Il-Pulizija

Spettur Maurice Curmi

vs

Desmond Falzon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 215358Mm akkuzat talli fit-02 ta' Mejju *2002* u fiz-zmien ta' qabel, fir-residenza ta'Ryan Cilia, u cioe fil-Gzira, u fil-fond bl-isem ta' ***V&F Supermarket,*** Triq Dingli, Sliema, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, rnerkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b' qerq u cioe *sigaretti* tal-rnarka *Rothmans Blue KS'FT* u dan bi ksur ta' artikolu 298(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. bi qliegh jew bi skop ta kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe *sigarretti* tal-marka *Rothmans Blue KSFT* bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe 1- *Pall A1all Uti of UK* u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta *BCGL .Adrocates* rappresentata minn Dr Andrew Borg Cardona LLD *et* hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, U dan bi ksur tal-artikolu 298B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. f'l-istess zmien, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati, wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta'oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment publiku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe *il-boll tas-SISA/ dazju /fuq il-pakkett tas-sigarretti,* u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u xjentament ghamel uzu minn dawn id-dokumenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u ci*oe' boll las-SISA/dazju* li

jappartjenu lil Gvern ta' Malta., billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi, wara li jkunu gew iffimati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet . ta'Malta;

6. kif ukoll talli ghamel xjentement uzu rnill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fuq Talba tal-Kontrollur tad-Dwana; tal-Kummissarju tal-VAT u tad-Direttur Generali ghad-Divizjoni tal-Kumrnerc:

   Nakkuzah talli, fit-02 ta' Mejju 2002 wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-hanut li jgib l'isem *V&F Supermertkct,* fi Triq Dingli, Sliema, u wkoll fil-lok: 30, Flat 2, Triq Ponsomby, Gzira, irrizulta illi, fil-perjodu ta' dan iz-zmien imsemmi, flimkien ma' ohrajn u/jew bil-komplicrta u l-koperazzjoru ta' persuna jew persuni ohra, sabiex jikseb xi vantagg, jew beneficcju ghalih innifsu u/jew ghal haddiehor, kontra l-ligi, u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, xjentement, gie fil-pussess ta' sigaretti bla dazju, liema sigaretti kienu counterfeit u bil-faxxa tad-dazju tas-sisa (banderole) falsifikata, u dan fi kwantita kif jidher hawn taht:

**263 pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett - *Rothmans Blue* (b'replika ta' 60cents 3 mils *Government Excise Stamp)***

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T. | Taxxa Imposta |
|---|---|---|---|
| LM65.75,0 | LM190.15,0 | LM42.84,0 | LM29.72,0 |

**30 pakkett b' 0 sigarett kull pakkett tal-marka *Rotbmans Blue***

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T. | Taxxa Imposta |
|---|---|---|---|
| Lm7.50,0 | LM21.69,0 | LM4.95,0 | LM3.39,0 |

**20 pakkett b'20 sigarett kull pakkett tal-marka *Rothmans Blue* (b'replika ta' 60c3 mils *Malta Government Excise Stamp)***

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T. | T axxa Imposta |
|---|---|---|---|
| Lm1.25,0 | Lm14.46,0 | Lm2.70,0 | Lm2.26,0 |

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' Lm74.50,0 u Dazju tas-Sisa dovut ta'

2. Lm226.30,0 u wkoll Taxxa Imposta (Levy) u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal Lm35.37,0 u Lm50.49,0 rispettivament;

8. fl-istess perjodu ta' zrnien, post u cirkostanzi, xjentement, kellu b'xi mod x'jaqsam: fil-garr, twarrib, depozitu jew habi ta' dawn is-sigaretti, jew filli b'xi mod iddispona minn dawn is-sigaretti bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju u/ jew taxi ohra dovuti;

9. fl-istess perjodu ta' zmien hajjar, ghin jew assista l-ghemil tar-reati hawn fuq imsemmija

Dan bi ksur ta' l-Artikli 60 (a) (b) (c) (k); l-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artiklu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37; u l-Artikli 16 (j)u 17 ta l-Att XVI ta' 1-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta, u wkoll, bi ksur ta l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru x..XIII ta 1-1998) u Kap 336 tal-Ligijiet ta' Malta; u bi ksur tal-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) ta' l- Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u 7 (1), u 12 (1) ta' l-Att XXXI ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni tal-Prodott Lokali.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l·konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna Iill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Semghat il-provi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommorjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Illi minbarra l-akkuzi li jolqtu l-Ordinanza tad-Dwana, l-imputat huwa rinfaccjat b’akkuzi ta’ falsifikazzjoni u frodi. Izda dawn l-akkuzi huma subordinati ghal dawk taht l-Ordinanza tad-Dwana li fir-rigward taghhom m’ghandux ikun hemm ebda dubbju dwar ir-reita’ tal-imputat. Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tad-difiza li l-akkuzi kellhom ikunu ta’ ricettazzjoni tali li jestromettu l-attwali akkuzi.

Illi jirrisulta mill-provi in atti li l-investigazzjonijiet li saru minn naha tal-Pulizija kienu waslu ghall-identifikazzjoni tal-imputat li kemm fl-istqarrija minnu rilaxxjata u kemm meta xehed fil-Qorti ammetta l-involviment tieghu dwar is-sigaretti konnessi ma’ dawn il-proceduri.

Il-Qorti tinnota li fi stadju inoltrat tal-kawza l-Prosekuzzjoni kienet talbet korrezzjoni fl-akkuza ghal dak li kien jikkoncerna l-ammont tas-sigaretti, valur, dazju, VAT u Taxxa Imposta, li kienu jirriflettu dawk indikati fiz-zewg “letters to prosecute” rispettivi (fol 17 u 20 rispettivament). Din it-talba kienet giet michuda.

Intant, provi fil-konfront tal-ewwel , t-tieni, it-tielet, ir-raba’ l-hames u s-sitt akkuza ma sarux.

Kwantu ghal dawk koncernanti l-Ordinanza tad-dwana, sisa u VAT, l-akkuza tirrizulta sodisfacjement pruvata.

Rat l-Artikolu 60 (a)(b)(c)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), proviso paragrafu (a) Artikolu 62 Kap 37; Artikolu 16 (j) u17 tal-Att XV1 1995; Artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud Kap 336.

Tikkundannah multa ta' €1580 u sitt xhur prigunerija li pero' qeghdin jigu sospizi ai termini tal-Artikoli 28A tal-Kap 9 ghall-sena mill-lum.

A.M. Trigona
Magistrat